MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 265/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL VASSALLO**

**KONTRA**

**ARIAM EDILBERTO LORE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ariam Edilberto Lore ta’ 25 sena, bin missier mhux maghruf u Aracelis Lore, mwieled fil- Panama fil- 15 ta’ Dicembru 1983, residenti fil- fond Nru. 7 Flat No. 2, Triq Sir George Borg, Sliema u detentur tal- karta tal- identita’ bin- numru 1443728;

Li gie mressaq quddiemha sabiex ghall- imputazzjonijiet:

Talli f’dawn il- Gzejjer, f’ Ottubru 2006 u x- xhur ta’ wara, b’diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminjiet differenti izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel att ta’ money laundering billi;

1) ikkonverta jew ittrasferixxa propjeta’ meta kien jaf li dik il- propjeta’, direttament jwe indirettament inkisbet, jew mir- rikavat ta’ attivita’ kriminali jew minn att ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali, ghall- iskop ta’ jew skopijiet ta’ habi jew wiri haga b’ohra ta’ l- origini tal- propjeta’ jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attivita kriminali;

2) heba jew wera haga b’ohra tal- veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta’, meta kien jaf li dik il- propjeta’ kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita kriminali;

3) akkwista propjeta’ meta kien jaf li l- istess propjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita kriminali;

4) bir- ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta’ propjeta’ meta kien jaf li l- istess propjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita kriminali;

5) ittenta jaghmel l- hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Novembru 2008, li permezz taghha l-istess Avukat Generali ta ordni sabiex l-imputat jigi pprocessat quddiem din il-Qorti, u dan ai termini tal-Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat, fis-seduta ta' wara, u cioe' illum stess, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, in vista tal-ordni tal-Avukat Generali u l-ammissjoni tal-imputat, u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-ammont involut fil-kaz, u cioe' erbat elef liri Maltin (Lm4,000), u tenut kont taz-zmien kollu li l-imputat ghamel that arrest preventiv sa llum stess, tista' tghaddi ghas-sentenza minnufih.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 3 tal- Att konrta l- Money Laundering tal-Kapitolu 373 u l- Artikolu 18 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn u disa' xhur prigunerija, minn liema perijodu ghandu jitnaqqas il-perijodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv ghal dawn il-proceduri.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------